**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2017

**It-Tlieta 24 ta' Ottubru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Evelyn Vella Brincat – Kunsillier **(Dok 1)**
Mark Causon – Kunsillier **(Dok 2)**

**ASSENTI**
Jesmar Scicluna - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Romina Perici Ferrante – Accountant tal-Kunsill

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

11.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat bagħtet apoloġija minħabba li hija ndisposta filwaqt li l-Kunsillier Mark Causon bagħat apoloġija minħabba li ser ikun fuq xogħol barra minn Malta. **(Dok 1 u 2)**

11.1.2 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaċċetta dawn l-apoloġiji.

11.1.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.1.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10/2017.

11.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 10/K7/2017 kif ippreżentati.

11.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 11.3. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

11.3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

11.3.2 Is-Sindku Dean Hili ppropona sopenzjoni tal-Aġenda biex item 11.6 tiġi diskussa qabel item 11.4.

11.3.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.3.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 11.6 Qtr. 3 Financial Report (July to September 2017).

11.6.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta lill-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena **(Dok. 3)** fejn stieden lill-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante biex tagħti l-ispjega tagħha.

11.6.2 Wara l-ispjega tal-Accountant, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat.

11.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

11.4.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li fl-laqgħa li nżammet mal-iskultur Antoine Camilleri fil-jiem li għaddew, il-Kunsill ġie nfurmat li l-proġett li kien ser isir fil-lokal, sfortunatament issa mhux ser isir.

11.4.2 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-kuntratt tal-librara ser jiskadi fl-aħħar tas-sena u għalhekk ippropona li ladarba ma kien hemm ebda problemi, dan għandu jerġa' jiġġedded għall-perjodu ta' sena oħra.

11.4.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.4.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3393/17/I Kwotazzjoni mingħand is-sur Joseph Barbara għall-mantenzjoni tal-gazebos li hemm fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

11.4.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3393/17/I** fejn informa lill-Kunsill li d-dettalji ta' din l-istima ser jinżammu għal aktar il-quddiem.

46/3523/17/I Email mill-AKL fejn baghtu Ċirkulari 81/2017 - Formola ta' reġistrazzjoni għal-laqgħa tas-Sindki li ser issir fil-15 u 16 ta' Diċembru ġewwa Grand Hotel Ghawdex.

11.4.6 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3523/17/I** fejn informa lill-Kunsill li huwa, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kienu ser jattendu. Il-kelliem fakkar li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat (bħala l-minority leader) ukoll hija mistiedna li tattendi, dejjem jekk tixtieq.

46/3470/17/O Email mibgħuta lill-Membri tal-Kunsill dwar l-attivita' tal-Halloween.

46/3498/17/O Email li l-Kunsill baghat baghat lil Ms. Steph Falzon dwar il-lista ta' x'ser ikun sehem il-Kunsill fl-attivita' tal-Halloween.

11.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3470/17/O u 46/3498/17/O** fejn ippropona li jiġi ratifikat il-qbil li diġa kien hemm permezz t'emails bejn il-membri tal-Kunsill l'issir din l-attivita' fejn fakkar li sehem il-Kunsill ser ikun li jitqassmu flyers fid-djar, jiġu nfurmata l-Pulizija u jintalab li jkun hemm Pulizija preżenti, jingħalaq l-aċċess tat-triq, jinxtraw xemgħat biex jintużaw fl-attivita' kif ukoll li d-dawl ta' Triq San Ġorġ Preca jinxtegħel oranġjo għal waqt l-attivita'.

11.4.8 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.4.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3465/17/I Kwotazzjoni minghand Pandora Books għall-lista ta' kotba magħżula mill-librara Maria Micallef.

11.4.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3465/17/I** fejn ippropona li din il-kwotazzjoni tiġi approvata u li l-ammont jitnaqqas mill-istimi approvata fil-laqgħa preċedenti.

11.4.11 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3460/17/I Email mingħand l-iskola ta' St. Catherine's fejn talbu sabiex issir zebra crossing bi traffic lights jew Pellican lights quddiem l-iskola fi Triq Suffolk.

11.4.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3460/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba għajr li jissuġġerixi li l-iskola forsi tara li jkollha supervisors li jgħinu lit-tfal jaqsmu. It-talba ma tistax tintlaqa' ukoll minħabba l-fatt li tali pelican lights ser joħolqu aktar konġestjoni tat-traffiku.

11.4.14 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3427/17/I Email minghand is-Sur Adrian Gatt fejn baghat punti diskussa mas-Sindku dwar siti għal potenzjalita' ta' camping site.

11.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3427/17/I** fejn informa lill-Kunsill li wara komunikat li kien hemm mal-kuntrattur Charlie Mifsud fejn eżamina s-siti li fihom tħawwlu siġar aktar kimieni din is-sena, jidher li kien hemm madwar 30 siġra li ma qabdux, għalkemm huwa tal-opinjoni li ma jerġgħux jinżergħu fl-istess post minħabba li s-siti huma ffullata wisq.

11.4.17 Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li jitħawwlu s-siġar li hemm nieqsa fid-daħla ta' Pembroke.

11.4.18 Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

11.4.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3559/17/I Email mingħand Camilla Appelgren tistaqsi lill-Kunsill jekk huwiex ser jipparteċipa fl-attivita' li ser jorganizzaw Malta Clean Up f'Earth Day – 22/04/2018.

11.4.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3559/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva ambjentali u jekk ikun hemm bżonn, il-Kunsill għandu jipprovdi Il-materjal bħas-soltu.

11.4.21 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.4.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3572/17/I Email mingħand l-ERA jinfurmaw lill-Kunsill li ġie ppubblikat l-ewwel draft tal-Environmental Planning Statement (EPS) b'konnessjoni ma' PA 03807/17 (EA 00007/17) – Proposed City Centre multi-use development, including 5 star Hotel (Class 3B), 162 residences, commercial office space (Class 4A), shopping mall (Class 4B) & restaurants (Class 4C and 4D and basement car park.

11.4.23 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3572/17/I** fejn ippropona li d-dokumenti kollha msemmija, minħabba n-natura teknika tagħhom, għandhom jiġu lkoll mgħoddija lill-Perit tal-Kunsill għall-kummenti tiegħu b'emfasi partikolari fuq il-fatt li l-lokalita' hija mħasba bil-massivita` tal-

proġett u l-impatti fuq it-traffiku u l-ħajja ta' kuljum fil-lokalita', kemm waqt il-bini tal-proġett, kif ukoll appena dan ikun komplut.

11.4.24 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.4.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3579/17/I Email mingħand l-AKL fejn stiednu lill-Kunsill jinnomina żewġ persuni biex jipparteċipaw fil-Commonwealth Local Government Conference 2017 li ser issir bejn il-21 u l-24 ta' Novembru 2017.

11.4.26 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3579/17/I** fejn ippropona li għal din il-konferenza l-Kunsill ikun rappreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u mill-Viċi Sindku Raymond Lanzon.

11.4.27 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.4.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3582/17/I Email mingħand il-Pembroke Athleta FN jissuġġerixxu lill-Kunsill biex it-tournament annwali tal-football organizzat mill-Kunsill, għas-sena 2018 isir bejn is-17 u d-19 ta' Marzu.

11.4.29 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3582/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mad-diriġenti ta' Pembroke Athleta FN biex jiġi diksuss kif ser jiġi organizzat dan it-turnament annwali bl-istess format tas-sena li għaddiet.

11.4.30 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.4.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.4.32 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li Ambaxxatur taż-Żgħażagħ attwali f'Novembru jaqgħlaq 18-il sena u għalhekk ippropona li kif sar fl-aħħar sejħa, għandha tinħareġ sejħa fuq Facebook biex tintgħażel persuna oħra.

11.4.33 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.4.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.4.35 Is-Sindku Dean Hili fakkar lill-Kunsillera bl-inizjattiva tal-GreenMt irriċikla għall-Istrina bil-kartun tal-ħalib fejn irrimarka li l-Kunsill diġa jinsab fi skema mal-GreenPak biex jinġabar skart għar-riċiklaġġ u għalhekk ma jistx jipparteċipa f'din l-inizjattiva minħabba kuntratt invigore l-Kunsill ma jistax imur kontra tiegħu.

11.4.36 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon ssekonda.

11.4.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

11.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 39/2017** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 10/K7/17 u 11/K7/17. **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 40/2017** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 10/K7/17 u 11/K7/17. **(Dok. 5)**

11.5.2 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda lmenti pendenti bejn il-laqgħa li għaddiet u dik preżenti.

11.5.3 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 40/2017** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

11.5.4 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.5.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.7 Aġġudikar tal-offerti.

Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla tal-Offerti kien iltaqa' u għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu

### 11.7.1 Call of Application 2017/01 - Junior Science Club Animators

11.7.1.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla, wara li kkonsulta wkoll ma' Ms. Desire Scicluna Bugeja mis-Science Centre (46/3566/17/O u 46/3570/17/I) kien qed jirrakkomanda li għal **Call of Application 2017/01 - Junior Science Club Animators** tiġi aċċettata l-unika offerta li kien hemm jiġifieri dik tas-sur **Jacob Azzopardi**.

11.7.1.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.7.1.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 11.7.2 Quote 2017/01 - Supply and Installation of Pastel Evolution

11.7.2.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla kien qed jirrakkomanda li għal **Quote 2017/01 - Supply and Installation of Pastel Evolution** tintgħażel l-offerta ta' **ICT Limited** peress li kienet l-irħas offerta.

11.7.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.7.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 11.7.3 Tender 2017/01 - Provision of Legal Consultant Services

11.7.3.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla kien qed jirrakkomanda li għal **Tender 2017/01 - Provision of Legal Consultant Services** tintgħażel l-offerta ta' **Iuris Malta Advocates** peress li kienet l-irħas offerta.

11.7.3.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.7.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 11.7.4 Tender 2017/02 - Work, Repairs and Reconstruction of Civil Works

11.7.4.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla kien qed jirrakkomanda li għal **Tender 2017/02 - Work, Repairs**

**and Reconstruction of Civil Works** tintgħażel l-offerta ta' **Dimbros Ltd.** peress li kienet l-irħas offerta.

11.7.4.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.7.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**11.7.5 Tender 2017/03 - The Repairs and Reconstruction of Roads**

11.7.5.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla kien qed jirrakkomanda li għal **Tender 2017/03 - The Repairs and Reconstruction of Roads** tintgħażel l-offerta ta' **Elles Urban Services Ltd.** peress li kienet l-irħas offerta.

11.7.5.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.7.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**11.7.6 Tender 2017/04 - Supply and Upkeep of Traffic Signs**

11.7.6.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla kien qed jirrakkomanda li għal **Tender 2017/04 - Supply and Upkeep of Traffic Signs** tintgħażel l-offerta ta' **B Grima & Sons Ltd.** peress li kienet l-irħas offerta.

11.7.6.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.7.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**11.7.7 Tender 2017/05 - Christmas street light decorative motifs and string lights**

11.7.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla kien qed jirrakkomanda li għal **Tender 2017/05 - Christmas street light decorative motifs and string lights** tintgħażel l-offerta ta' **D Street Lighting** peress li kienet l-irħas offerta.

11.7.7.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.7.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.8 Attivitajiet għal żmien il-Milied.

11.8.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona li jsiru l-attivitajiet bħas-snin li għaddew fosthom l-attivita' tal-anzjani l-issir nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017 fis-6.30pm u l-attivita' tal-Father Christmas li jqassam ir-rigali fid-djar nhar il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2017 filgħaxija.

11.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

11.9.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 6, 7 u 8)**

11.9.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

11.9.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.9.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.10 Mozzjonijiet.

11.10.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 11.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' Novembru 2017 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 28 ta' Novembru, 2017

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**